9 ta' Ottubru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Michele Sammut *versus* James Bonnici

**Kompetenza — Arrest Personali — Ġudikat — Kontumaċja — "Non Bis in Idem".**

*Meta kreditu jinsab kanonizzat b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ li għaddiet f'ġudikat, ma hux aktar sollevabili l-eċċezzjoni li l-kreditu hekk kanonizzat mhux kummerċjali; u dan minħabba l-ostakolu tan-"non bis in idem". U dan avvolja fil-kawża fejn ġie kanonizzat dak il-kreditu l-konvenut debitur kien kontumaċi.*

*Lanqas jista' jiġi obbjettat li f'dik il-kawża l-punt dwar in-natura tal-kreditu ma ġiex sollevat, u wisq anqas deċiż bis-sentenza; għax il-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in meritu għall-azzjoni, kien imissha jew setgħet tiġi sollevata in relazzjoni ma' l-azzjoni stess.*

*U meta hemm il-ġudikat mhumiex ammissibili eċċezzjonijiet ġodda li jkollhom bħala effett li jiddistruġġu jew jirrestrinġu l-effett tal-ġudikat.*

*Għal li l-attur ma jinvokax espressament in-"non bis in idem", il-Qorti tista' teżamina u tiddeċidi dwar dak l-ostakolu; għax bil-fatt biss li l-attur fiċ-ċitazzjoni jagħmel riferenza, bħala bażi ta' l-istanza, għal sentenza li għaddiet f'ġudikat, jimponi fuq il-ġudikant l-obbligu li jeżamina l-ostakolu tan-"non bis in idem".*

*Għaldaqstant, id-debitur li ġie kundannat iħallas kreditu b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ li għaddiet f'ġudikat, ma jistax, f'kawża li ssirlu wara għall-arrest personali tiegħu b'eżekuzzjoni ta' dik is-sentenza, jeċċepixxi li l-kreditu ta' l-attur mhux kummerċjali.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur ippremetta illi l-konvenut, b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti tad-9 ta' Jannar 1951, ġie kundannat iħallsu s-somma ta' £524. 5. 0, oltre l-interessi kummerċjali u l-ispejjeż, li skond taxxa (dok. A) jammontaw għal £32. 18. 2; u talab-li, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u senjatament dik li l-konvenut huwa kummerċjant, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Onorabbli Qorti, in eżekuzzjoni ta' l-imsemmija sentenza, għall-arrest personali. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-25 ta' April 1951, kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

Rat fil-fol. 7 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Bonnici, li fiha qal illi d-debitu msemmi fiċ-ċitazzjoni ma hux ta' natura kummerċjali, u għalhekk id-domanda attriċi ħaqqha tiġi miċħuda. Bl-ispejjeż, u salvi eċċezzjonijiet oħra;

Trattata l-kawża;

Il-kreditu, li in relazzjoni tiegħu issa qed jintalab l-arrest personali tad-debitur, ġie kanonizzat (kif jingħad fiċ-ċitazzjoni) bis-sentenza ta' dina l-Qorti, diversament presjeduta, tad-9 ta' Jannar 1951, bl-imgħaxijiet kummerċjali middata ta' l-att taċ-ċitazzjoni. Dik is-sentenza għaddiet f'ġudikat;

Minn dan il-fatt toħroġ il-konsegwenza illi l-eċċezjoni talkonvenut ma hix aktar sollevabili, minħabba l-ostakolu tan-"non bis in idem";

Infatti, hu ċar illi, biex din il-Qorti emettiet dik is-sentenza fil-meritu, bilfors ikkunsidrat ruħha kompetenti "ratione materiae", għaliex diversament kienet tiddikjara ruħha inkompetenti "ex officio", għan-norma ta' l-art. 775 (b) Kap. 15. Issa, biex ikkunsidrat ruħha kompetenti "ratione materiae", tabilfors il-Qorti kkunsidrat illi l-att kien kummerċjali, almenu għall-konvenut (kien jew ma kienx kummerċjant); għaliex kieku kkunsidrat li l-att ma kienx kummerċjali, iżda ċivili, avvolja kompjut minn kummerċjant (infatti anki kummerċjant jista' jagħmel att ta' indoli ċivili), allura kienet tiddikjara ruħha inkompetenti "ratione materiae" "ex officio";

Ma jistax jiġi obbjettat illi l-konvenut allura kien kontumaċi: għax il-kontumaċja hija, mhux ammissjoni, imma "ficta contestatio";

Lanqas jista' jiġi obbjettat illi l-punt dwar ix-xorta ta' l-att ma ġiex sollevat, u "multo minus" deċiż b'dik is-sentenza. Ma jistax jingħad hekk, għaliex, apparti l-massima konoxxuta fis-sens illi "Judex per processum ad ulteriora dicitur exceptionem tacite rejecisse", hu indubitat illi l-ġudikat jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in meritu għall-azzjoni, kien imissha jew setgħet tiġi sollevata in relazzjoni ma' l-azzjoni stess. "La cosa giudicata assorbe ogni altra istanza od eccezione che sul merito dell'azione promossa si sarebbe dovuta proporre per discutere in coerenza e relazione all'azione stessa" (Annali Gpza. 24, 1, 1, 289). Mhux biss, imma la darba hemm il-ġudikat, ma humiex ammissibili eċċezzjonijiet ġodda li jkollhom bħala effett li jiddistruġġu jew jirrestrinġu l-effett tal-ġudikat. "Passata in giudicato la sentenza, non sono più ammissibili eccezioni che mirino a distruggere o restringere l'efficacia del giudicato: la regola 'tantum judicatum quantum disputatum' procede soltanto nel senso che dopo il giudicato si possono proporre, discutere, ed ammettere eccezioni nuove che col giudicato sieno conciliabili" (Giuris. Temi 28, 677);

Issa, l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut tista', kieku akkolta f'din il-kawża, tkun għal kollox inkonċiljabili mal-ġudikat, għaliex biha jista' jiġi ritenut ta' natura ċivili, "in toto" jew in parti, debitu li diġà bil-ġudikat ġie kanonizzat bħala ta' natura kummerċjali, produċenti ingħaxijiet kummerċjali, u munit bis-sanzjonijiet kollha tad-debiti kummerċjali. Xejn ma jiswa, s'intendi, li mill-provi magħmula f'din il-kawża jista' jidher xort'oħra; għaliex, apparti l-prinċipju illi l-ġudikat "ex nigro facit album et ex albo facit nigrum", kien ikun faċli li jiġi eluż il-prinċipju tan-"non bis in idem" kieku kien permess lill-litigant li jirrinvanga l-meritu tal-ġudikat billi jġib provi fuq l-istess meritu. Il-forza ta' l-"estoppel" tal-ġudikat hija appuntu dik li tagħlaq il-kwistjoni. Qalet tajjeb il-Qorti tal-Kassazzjoni ta' Torin, fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ġunju 1886 Comune di Crescentino c. Comune di Lamporo (Gpza. Temi, 23, 528) :— "La cosa giudicata osta a che si sollevino quistioni nuove assorbite dal giudicato divenuto irrevocabile". Il-konvenut seta', jew kien imissu ppreveda, illi jekk ma jagħlix l-eċċezzjoni tan-natura ċivili ta' l-att f'dik is-sede ta' l-ewwel kawża, allura d-debitu jiġi kanonizzat bħala debitu ta'

natura kummerċjali, bil-konsegwenzi kollha, malli s-sentenza tgħaddi ġudikat. Kien dmir u interess tiegħu li jagħti l-eċċezzjoni, li issa qiegħed jagħti serotinament, f'dik il-kawża, sabiex jevita li jkollu kundanna għal debitu kummerċjali. Għalhekk, ingħad tajjeb fil-ġurisprudenza (ara sent. tal-Kassazzjoni ta' Palermo, 29 ta' Lulju 1897, Santuccio c. Scirpa) illi:— "L'autorità della cosa giudicata è costituita sia per le eccezioni proposte, sia per quelle non proposte e che sarebbero state proprie di quella sede del giudizio ove emanò la sentenza passata in giudicato";

Għad li l-attur ma invokax espressament in-"non bis in idem", dan ma jfisserx li l-Qorti ma tistax tidħol, kif daħlet, biex teżamina u tiddeċidi dwar dak l-ostakolu; għaliex, kif ġie deċiż fuq preċedenti u awtoritajiet fil-kawża "Sultana vs. Dr. Briffa", 27 ta' Ġunju 1936, P. Awla, il-fatt biss li l-attur fiċ-ċitazzjoni jagħmel riferenza (kif għamel), bħala bażi ta' l-istanza, għal sentenza li għaddiet f'ġudikat, jimponi fuq il-ġudikant l-obbligu li jeżamina l-ostakolu tan-"non bis in idem";

Għalhekk il-kwistjoni dwar in-natura tad-debitu ma tistax tinfetaħ aktar, u d-debitu għandu jiġi ritenut kummerċjali;

Ma hemmx kontestazzjoni, apparti li hekk jidher mill-provi, li l-konvenut hu, jew almenu kien, fl-epoka tal-kuntrattazzjoni tad-debitu, kummerċjant;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba; bl-ispejjeż kontra l-konvenut.